MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 345/2013

**Falzon Gilbert**
**ID384877-(M)**

**vs**

**Tonna Jesmond**
**ID-0354974-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta’ elfejn mitejn u sitt ewro (€2,206) rapprezentanti kera li qatt ma hallas u li baqa’ moruz f’pagamenti ta’ kera skont l-iskrittura privata datata 17 ta’ Mejju, 2012 ghall-fond 3, Triq Gdida ‘gia Triq il-Qaddiefa, Marsa proprjeta’ ta’ l-attur u kif ukoll ihallas l-ammont ta’ kont tad-dawl u l-ilma li qatt ma hallas sakemm kien ikun f’dan il-fond b’titolu ta’ kera u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-16 ta’ April, 2013 (id-data ta’ gheluq il-kera) sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill- attur is-somma ta' elfejn mitejn u sitt ewro (€2,206.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------